# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.6

**Kap 6: Ġesù qam tassew**

**Lezzjoni 6.6 – Jien nista' nkun Xmun**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

- jiddiskutu kif huma jistgħu jgħinu lill-oħrajn;
- jagħrfu li meta jgħinu, anke jekk ħadd ma japprezzahom, huma jkunu qegħdin jagħmlu bħal Xmun.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Video clip - Kindness Boomerang -

  https://www.youtube.com/watch?v=nwAYpLVyeFU

- Song : I am helpful

  https://www.youtube.com/watch?v=ISHwjJtnV8s&spfreload=10

- Karta ta' Taħriġ 6.4 (mill-Ktieb)

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda billi tirrevedi dak li jkun sar fil-lezzjoni ta' qabel.
- Spjega kif Xmun iċ-Ċirinew jibqa' magħruf bħala dak li għen lil Ġesù. Għid li llum se nitkellmu kif aħna wkoll nistgħu nkunu Xmun u ngħinu lil ħaddieħor iġorr is-salib tiegħu.
- Uri l-video clip – *Kindress Boomerang*
- Insemmi xi eżempji li rajna fil-video clip ta' nies jgħinu lil nies oħra.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Spjega: Fil-video rajna ħafna eżempji ta' nies li kienu Xmun ieħor u għenu lil min sab ruħu f'diffikultà. Iżda tgħid aħna għadna żgħar wisq biex inġorru xi salib tqil? Kif nistgħu nagħmlu dan?
- Kompli spjega: Ġesù qalilna li kull ma nagħmlu fost l-iżgħar minn dawn ħuti tkunu qed tagħmluh miegħi. Illum lil Ġesù nsibuh f'kull min hu marid, fqir, xiħ, persuni bi bżonnijiet speċjali, kull min għandu bżonn l-għajnuna.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.4 u wara li taqra s-silta mogħtija ddiskuti l-istorja mogħtija f'Attività 1.
- Stieden lit-tfal jiddiskutu flimkien jew fi gruppi żgħar il-mistoqsijiet, filwaqt li jirrisponduhom.
- Ħalli t-tfal ipinġu l-istampa ta' Xmun, filwaqt li jagħżlu dawk il-verbi li juru tbatija biex tagħmilhom.
- Iddiskuti Attività 3 u asal għall-punt li min iħobb bil-verità jrid ibati.
- Spiċċa bis-song: *I am helpful.*



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Xmun kien qed jgħin lil Ġesù.
2. Ġesù qalilna li kull min jgħin lil xi ħadd ikun qed jgħin lilu stess.
3. Meta ngħin għandi nagħmel dan bil-qalb kollha.
4. Jekk jien nieħu pjaċir min jgħinni, anke jien għandi ngħin lil ħaddieħor ukoll.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jgħinu lil xulxin, anke meta dan ifisser li jridu jbatu, imqar ftit. Wara japprezzaw il-ferħ li jġib il-fatt li tgħin lil min ikollu bżonnok.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Video clip - Kindness Boomerang -

  https://www.youtube.com/watch?v=nwAYpLVyeFU

- Song : I am helpful

  https://www.youtube.com/watch?v=ISHwjJtnV8s&spfreload=10



## Nitolbu

Ġesù, għinni biex narak f'min iħossu batut u bħal
Xmun inkun jien li ngħinu jġorr is-salib.

